# AKTAR Żjajjar lill-Familji

Jekk il-Bambin irid, f'Ottubru nerġgħu nibdew Sena Pastorali ġdida biż-żjajjar lill-familji. Is-sena li għaddiet dorna prattikament ir-raħal kollu u, din is-sena, biħsiebna nagħmlu l-istess. Dawn iż-żjajjar qegħdin jinvolvu ħafna enerġija u ħin, iżda huma mezz qawwi ta' pastorali. Filwaqt li nħeġġiġkom tieħdu nota tal-ġurnata ta' meta wieħed mis-saċerdoti tagħna jkun ser jagħmel iż-żjara, nistedinkom ukoll li tieħdu l-opportunità mill-fatt li s-saċerdot ikun ser iqatta' ftit mumenti f'darek, biex, filwaqt li tirċievi l-Barka ta' Alla permezz tas-saċerdot fuq il-familja tiegħek, jekk ikun hemm xi diffikultà jew problema, taqsamha mas-saċerdot li jkun qiegħed iżurek. Il-ħin taż-żjara hu limitat, għalhekk tkun tista' tieħu din l-opportunità biex tagħmel appuntament biex tkun tista' titkellem iktar fit-tul, barra l-ħin taż-żjarat, jekk ikun il-każ.

**Nirringrazzjakom tal-akkoljenza li dejjem sibna, kull darba li għamilna dawn iż-Żjajjar u t-Tberik!**

Il-Mulej iberikkom!
***Fr. Daniel Cardona***,
Arċipriet.

# IL-PROGRAMM TAŻ-ŻJAJJAR U T-TBERIK:

**It-Tnejn, 6 ta' Ottubru:** Triq Mikiel Anġ Sapiano (minn Triq il-Kbira sa Triq San Martin)
**It-Tlieta, 7 ta' Ottubru:** Triq Mikiel Anġ Sapiano (minnTriq San Martin sar-*roundabout*)
**L-Erbgħa, 8 ta' Ottubru:** Triq Is-Siġġiewi
**It-Tnejn, 13 ta' Ottubru:** Triq Ħal Sajd
**It-Tlieta, 14 ta' Ottubru:** Triq Ħali
**L-Erbgħa, 15 ta' Ottubru:** Triq Ħal Dwin u Triq Pietru Buttigieg
**It-Tnjen, 20 ta' Ottubru:** Triq Patri Pelaġju Mifsud
**It-Tlieta, 21 ta' Ottubru:** Triq Serafin Tanti u Triq Indrì Borg
**L-Erbgħa, 22 ta' Ottubru:** Triq Franġisk Zahra u Triq F. Farrugia.
**It-Tnejn, 27 ta' Ottubru:** Triq il-Grazzja (mill-bidu tagħha, sal-Knisja ta' "tal-Grazzja")
**It-Tlieta, 28 ta' Ottubru:** Titkompla Triq il-Grazzja
**L-Erbgħa, 29 ta' Ottubru:** Id djar ta' "ħdejn Sant Antnin" u Triq il-Buskett
**It-Tnejn, 3 ta' Novembru:** Triq il-Qubbajt
**It-Tlieta, 4 ta' Novembru:** Il-*Flats* u d-Djar tal-Gvern ta' Triq il-Mitħna
**L-Erbgħa, 5 ta' Novembru:** Triq il-Mitħna
**It-Tnejn, 10 ta' Novembru:** Triq il-Penit
**It-Tlieta, 11 ta' Novembru:** Triq Giovanni Pullicino (li qabel kienet: Triq Ġdida fi Triq il-Kurkanta)
L-**Erbgħa, 12 ta' Novembru:** Triq il-Kurkanta
**It-Tnejn, 17 ta' Novembru:** Triq Andrea Bogdan
**It-Tlieta, 18 ta' Novembru:** Triq Luigi Fontana
**L-Erbgħa, 19 ta' Novembru:** Triq Fra Ferd Mattei
**It-Tnejn, 24 ta' Novembru:** Triq il-Prinċep Bażiliku
**It-Tlieta, 25 ta' Novembru:** Triq Pawlu Debono
**L-Erbgħa, 26 ta' Novembru:** Triq Anthony Aquilina; Triq John Zammit; u Triq Patri Andrè Azzopardi
**It-Tnejn, 1 ta' Diċembru:** Triq Xmun Attard u Triq Daniel Callus
**It-Tlieta, 2 ta' Diċembru:** Triq il-Ħlewwa
**L-Erbgħa, 3 ta' Diċembru:** Triq it-12 ta' Mejju; Triq G.B.Debono u Triq Philip Gatt
**It-Tnejn, 8 ta' Diċembru:** Triq Franġisku Caruana Dingli u Triq Karlu Gimach
**It-Tlieta, 9 ta' Diċembru:** Triq Mons. A Cilia
**L-Erbgħa, 10 ta' Dicembru:** Triq il-Kandlora
**It-Tnejn, 15 ta' Diċembru:** Triq Ġanni Cilia
**It-Tlieta, 16 ta' Dicembru:** Triq tad-Dawl
**L-Erbgħa 17 ta' Diċembru:** Triq Vassalli u Triq Sidtna tad-Dawl
**It-Tnejn, 5 ta' Jannar 2009:** Triq Dun Karm Psaila
**It-Tlieta, 6 ta' Jannar 2009:** Triq l-Għanja Maltija; Triq il-Ħofra; u Triq il-Poeżija

# ASSEMBLEA PARROKKJALI

***"U META NINTREFA' 'L FUQ MILL-ART, JIEN NIĠBED IL-BNEDMIN KOLLHA LEJJA" (Ġw 12,32)***

**Il-ĦAMIS U L-ĠIMGĦA,**

**27u 28 TA' NOVEMBRU 2008**
**Sala "Dun Mikiel Xerri",**
**mis-7.15pm. sad-9.00pm.**

Fl-Assemblea Parrokkjali ser isir il-pjan ta' ħidma pastorali għat-3 snin li ġejjin. Kulħadd hu mistieden għaliha, speċjalment dawk li huma l-aktar involuti fil-ħidma pastorali tal-parroċċa, bħall-Membri ta' Kummissjonijiet u Żoni, Għaqdiet, Katekisti, Letturi, Ministri Straordinarji tat-Tqarbin, Membri tal-Kor, voluntiera, eċċ...

---

# INSIRU NAFU L-BIBBJA AĦJAR!

– Kors Immexxi minn **Dun Karm Attard.**

Suġġett: "**It-Tagħlim ta' San Pawl**"

Dati: 10, 17, 24, 31, ta' Ottubru 2008,
u 7 u 14 ta' Novembru 2008.
**(kull nhar ta' Ġimgħa, mill-10 ta' Ottubru sal-14 ta' Novembru 2008)**

Ħin: Wara l-quddiesa ta' filghaxija. Post: Fis-Sala "Dun Mikiel Xerri"

**Importanti li kull parteċipant iġib il-Bibbja miegħu!**

---

# IL-FESTA TA' SAN FILEP, Ġunju 2009

Minħabba fl-Elezzjonijiet għall-Membri tal-Parlament Ewropew, li se jsiru f'Malta fit-13 ta' Ġunju 2009, il-Festa tal-Patrun tal-Parroċċa, San Filep, is-sena d-dieħla se ssir fl-ewwel Ħadd, **i.e. fis-7 ta' Ġunju 2009** (u mhux fit-tieni Ħadd ta' Ġunju, bħalma jsir is-soltu).

---

# ADORAZZJONI Quddiem ĠESÙ SAGRAMENTAT

Bħala komunità parrokkjali: **kull nhar ta' Ħamis**, wara l-Quddies ta' filgħaxija
– Adorazzjonijiet immexxijin mill-Għaqdiet tal-Parroċċa.

Fuq bażi individwali: Fiċ-"Ċenaklu" (quddiem il-Knisja tad-Duluri)
**– kuljum**, bejn is-7.00am. u d-9.30pm.

**N.B.: It-Talba tar-Rużarju ssir kuljum, fil-Knisja Arċipretali,**
**qabel il-Quddiesa ta' filgħaxija.**